**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Gunju, 2016**

Talba Numru: 811/2014JB

Numru: 5

**Vincent Axiaq (K.I.: 322265M)**

**vs**

**Pauline Azzopardi (K.I.: 128456M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-24 ta' Dicembru 2014 li permezz tieghu l-Attur talab li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlitt elef, mija u tlieta u disghin euro (€3,193) liema somma tirraprezenta bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol ta' dawl, ilma u drenagg li sar mill-Attur fuq inkarigu tal-Konvenuta. Talab ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 1215/2014 u l-imghax sad-data tal-hlas effettiv.

Ra l-Avviz tas-Smiegh (a fol 3) li permezz tieghu l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Jannar 2015;

Ra li l-Konvenuta, debitament notifikata (a fol 4) laqghet ghal din l-azzjoni billi nhar l-20 ta' Frar 2015 ipprezentat risposta (a fol 7) fejn eccepiet dan li gej:

> Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.
>
> Illi l-konvenuta kienet tablet lill-attur ghal stima tax-xogholijiet qabel ma beda jahdem kif ukoll waqt l-ezekuzzjoni taghhom, izda dan qatt ma pprovda stima u kien biss meta tlestew illi baghtilha kont b'rati sproporzjonati u eccessivi meta mqabblin mar-rati fis-suq u max-xogholijiet li gew ezegwiti;
>
> Illi inoltre, u minghajr pregudizzju, ix-xogholijiet imsemmija ma sarux skond id-dettami tas-sengha u l-arti li l-professjoni tal-attur tirrekkjedi u dan kif ser jintwera matul it-trattazzjoni tal-kawza, tant illi kienu mehtiega ix-xogholijiet remedjali li ssir referenza ghalihom fil-kontro-talba annessa ma din ir-risposta;

Illi l-ispejjez ta' dan ix-xoghol remedjali kif ukoll tal-materjal huma a karigu tal-attur, liema somma ghandha tigi likwidata minn dan l-Onorabbli Tribunal fil-kontro-talba;

Illi l-konvenuta ser izomm ferm id-drittijiet kollha taghha f'dan ir-rigward u titlob ukoll il-flusijiet kollha mhallsin jew iddepozitati mal-attur tax-xoghol minnu rez b'mod hazin u inaccettabli filwaqt li zzommu responsabbli ghad-danni u spejjez kollha li hi inkorriet u ser tinkorri kagun tal-bzonn ta' xogholijiet rimedjali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, il-konvenuta titlob lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tal-attur.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' din l-istanza, u l-imghax legali, kollha kontra l-attur.

Illi kontestwalment, il-Konvenuta ressqet ukoll kontro-talba fejn talbet li l-Attur rikonvenzjonat jigi kkundannat ihallas kumpens ekwu u gust li jigi likwidat minn dan it-Tribunal u li ghall-fini ta' kompetenza ma jeccedix is-somma ta' tlitt elef erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06), biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez li l-Konvenuta rikonvenzjonanti inkorriet sabiex taghmel ix-xogholijiet rimedjali mehtiega u dan wara li ppremettiet li wara l-esekuzzjoni tax-xogholijiet da parti tal-Attur rikonvenzjonat kellha tinkorri spejjez ghal materjal u xoghol rimedjali minhabba xoghol hazin li ghamel l-Attur rikonvenzjonat. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghaxijiet.

Ra li l-Attur rikonvenzjonat, debitament notifikat (a fol 9) laqa' ghal din il-kontro-talba billi nhar il-5 ta' Marzu 2015 ipprezenta risposta (a fol 10) fejn eccepixxa illi l-kontro-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li hija l-Konvenuta rikonvenzjonanti li hija debitrici fil-konfront tieghu u dan kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2015 (a fol 19) fejn gie rilevat li jista' jaghti l-kaz li l-kontro-talba kif postulata tesorbita l-gurisdizzjoni tat-Tribunal u d-difensur tal-Konvenuta rikonvenzjonanti spjega illi l-kontro-talba hija ppernjata fuq xogholjiet rimedjali li kellhom isiru wara li hadem l-Attur rikonvenzjonat, liema xogholijiet rimedjali ghandhom valur determinat u ghalhekk talab li jigi awtorizzat ibiddel il-kontenut tal-kontro-talba biex din tigi riproposta ghal ammont likwidat. Billi d-difensur tal-Attur rikonvenzjonat irrimettiet ruhha, it-Tribunal wara li ra r-Regolament 7 tal-L.S. 380.01, laqa' t-talba u awtorizza lill-Konvenuta rikonvenzjonanti tbiddel il-kontenut tal-kontro-talba fi zmien gimgha id-data tas-seduta u dan permezz ta' nota prezentata bil-visto tal-kontro-parti li jkollu gimgha zmien sabiex jissostitwixxi r-risposta ghall-kontro-talba kemm il-darba jhoss li ghandu jaghmel xi tibdil;

Ra n-nota tal-Konvenuta rikonvenzjonanti prezentata nhar it-28 ta' Ottubru 2015 (a fol 26) fejn issostitwixxiet il-kontro-talba billi talbet li l-Attur rikonvenzjonat ghandu jigi kkundannat ihallas kumpens ta' tmien mitt euro (€800) biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez li l-Konvenuta rikonvenzjonanti inkorriet sabiex taghmel xogholijiet rimedjali. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghaxijiet;

Ra li wara din in-nota, l-Attur rikonvenzjonat ma ressaq ebda att sabiex ibiddel ir-risposta tieghu ghall-kontro-talba;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' l-provi;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda bilanc ta' prezz ta' xogholijiet li l-Attur ghamel fi proprjeta tal-Konvenuta. Il-Konvenuta laqghet ghal din l-azzjoni billi ressqet ghadd ta' eccezzjonijiet kif ukoll kontro-talba li permezz taghha qed titlob il-hlas ta' somma likwidata. L-Attur rikonvenzjonat jirrispingi l-kontro-talba bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2015 (a fol 19), il-partijiet qablu li ghad li l-Attur ma kienx ta stima lill-Konvenuta kienu fthiemu bejniethom li t-tariffa ghal kull *point* elettriku kellha tkun ta' tlettax-il lira Maltija (LM13) ekwivalenti ghal tletin euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€30.28). Il-partijiet qablu wkoll li l-Konvenuta kienet hallset lill-Attur is-somma ta' tlitt elef euro (€3,000), liema somma mhijiex inkluza fit-talba.

Illi mill-assjem tal-provi u partikolarment mill-affidavit tal-Attur (a fol 42) u minn dak tal-Konvenuta (a fol 62) jirrizulta car li l-kontestazzjoni tirrigwarda l-valur attribwit ghax-xoghol li sar mill-Attur fuq inkariku tal-Konvenuta. Mhuwiex kontestat li l-Attur ghamel xoghol ta' dawl, ilma u drenagg fuq inkariku tal-Konvenuta izda ghad li kien hemm ftehim dwar ir-rata li kellha tigi applikata ghal kull *point* elettriku, ma kienx hemm ftehim dwar rati ghal diversi provvisti, fornimenti u prestazzjonijiet. Dan ta lok ghal disgwid qawwi bejn il-kontendenti. Inoltre, il-Konvenuta tghid li sar ukoll sar hazin u kellhom jintervjenu terzi.

Illi jirrizulta li qabel ma nfethet il-kawza, kien hemm skambji kordjali bejn il-kontendenti. Fl-affidavit taghha (a fol 63), il-Konvenuta tghid: "*L-ewwel darba li s-Sur Axiaq gie bil-kont, jien hadt ftit qatgha pero' qbadt u hallastu nofshom. Pero' bhal kull klijent iehor li jircievi kont twil, kelli bzonn il-hin biex narah sew u nara li hu kont gust. Allura mhux minnu li jien ghidt lil Vincent Axiaq li se nhallsu kollu meta tani l-kont.*" Tghid li kull meta talbet li tinghata sodisfazzjon man man mal-kors tax-xogholijiet, Axiaq kien iwegibha "*issa naraw*". Min-naha tieghu, l-Attur meta xehed bil-procedura tal-affidavit (a fol 42) jghid li l-ewwel il-Konvenuta qalet li kienet se thallsu imbaghad meta ghadda z-zmien bdiet tqanqal il-lanjanzi taghha.

Certament li s-soluzzjoni tal-vertenza kienet tinhtieg intervent tekniku u ghal dan il-ghan it-Tribunal fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2015 (a fol 28) inkarika lill-Perit Alan Saliba bhala espert tekniku bil-fakulta li jisma x-xhieda u bis-setgha li jaghti l-gurament, b'dan li l-perit kellu jaccedi fuq il-post, jisma x-xhieda li jidhirlu opportuni kemm fit-talba u kif ukoll fil-kontro-talba, jikkonstata x-xoghol li sar biex imbaghad jirrelata.

Illi mir-relazzjoni (a fol 78) jirrizulta li l-Perit Saliba acceda fuq il-post u zamm seduti. Issa mill-konstatazzjonijiet peritali jirrizulta qabel xejn li l-punt tat-tluq fil-verita kellu jkun ta' tlitt elef mitejn u wiehed u sittin euro u erbgha u hamsin centezmu (€3,261.54) u mhux €3,193 billi fil-fattura jidher li kien hemm zball aritmetiku. Madankollu it-Tribunal certament li ma jistax iqis l-ammont gholi ghaliex kemm-il darba jaghmel dan ikun qieghed jiddeciedi *extra petita*.

Illi fir-rigward tat-talba attrici, il-perit hejja tabella dettaljata fejn ezamina kull partita tal-fattura tal-Attur u wasal ghall-konkluzjoni li l-kont globali kellu jkun ta' erbat elef disa' mija

u tnax-il euro u erbgha u sittin centezmu (€4,912.64) biex b'hekk, wara li jittiehed qies tal-pagament akkont ta' €3,000 bilanc jifdal bilanc favur l-Attur ta' elf, disa' mija u tnax-il euro u erbgha u sittin centezmu (€1,912.64). Issa mill-eskussjoni tal-perit tekniku, irrizulta li hemm lok ghal certi aggustamenti. Fil-fatt, jidher li mis-somma ta' €1,912.64 trid jitnaqqas is-somma ta' €69.88 ghal *shower cubicle* li ma twahhalx mill-Attur.

Illi fejn imiss mat-talba rikonvenzjonali il-perit tekniku wasal ghall-konkluzjoni li l-Attur rikonvenzjonat ma kienx jahti ghall-ispejjez kollha reklamati fil-kontro-talba u kkonkluda li tali talba ghandha tintlaqa' biss fis-somma ta' mija u disghin euro (€190).

Illi kif gja nghad mhemm l-ebda raguni gravi sabiex it-Tribunal jiddipartixxi mill-konkluzjonijiet peritali (salv naturalment li jsiru l-aggustamenti minhabba dak li hareg mill-eskussjoni) u ghalhekk it-Tribunal sejjer jadotta tali relazzjoni u jaghmel tieghu l-konkluzjonijiet taghha, salv rizerva zghira dwar l-ammont minhabba dak li rrizulta mill-eskussjoni.

Illi ghalhekk, fejn imiss mat-talba principali, it-Tribunal iqis li fil-waqt li ghandu jichad l-eccezzjonijiet tal-Konvenuta in kwantu mhux kompatibbli ma' dak li se jinghad, ghandu jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elf tmien mija u erbghin euro (€1840) fil-waqt li fejn imiss mat-talba rikonvenzjonali, it-Tribunal iqis li fil-waqt li ghandu jichad l-eccezzjonijiet tal-Attur rikonvenzjonat in kwantu mhux kompatibbli ma' dak li se jinghad, ghandu jilqa' l-kontro-talba limitatament ghas-somma ta' €190. B'hekk il-Konvenuta ghandha thallas is-somma ta' elf, sitt mija u hamsin euro (€1650) lill-Attur.

Ikkunsidra;

Illi fejn imiss ma' spejjez, u senjatament l-ittra li ghaliha hemm riferenza fl-Avviz tat-Talba bin-numru 1215/2014 (a fol 36), it-Tribunal iqis li mghandux jittiehed qies ta' tali ittra in kwantu din hi ittra ufficcjali li saret *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 fejn intalab il-hlas tas-somma ta' €3,193 u t-talba giet respinta (a fol 38). Billi l-ammont reklamat jirrizulta mhux dovut, ma jkunx floku li l-Konvenuta tigi ordnata tbati xi parti mill-ispejjez ta' din l-ittra salv l-ispejjez tar-risposta li pprezentat.

Fir-rigward tal-ispejjez tal-kawza, billi l-ammont likwidat mill-perit huwa *circa* nofs l-ammont mitlub mill-Attur, fil-waqt li l-ammont likwidat mill-perit fir-rigward tal-kontro-talba huwa ta' *circa* kwart l-ammont reklamat mill-Konvenuta rikonvenzjonanti, it-Tribunal iqis li jkun floku jekk l-ispejjez jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Qieghed jinghad li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati bin-nofs u mhux li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha billi hu car li din il-vertenza kellha tigi determinata bl-intervent ta' perit u ghalhekk ma jkunx floku (gjaladarba l-ispejjez tal-perit thallsu provizorjament mill-Attur) li l-Attur jispicca jhallas wahdu l-ispejjez kollha tal-perizja.

Ikkunsidra;

Illi fejn imiss ma' imghax, billi l-ammonti kemm tal-azzjoni principali kif ukoll tat-talba rikonvenzjonali gew likwidati in forza tal-odjerna sentenza, l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru biss mil-lum.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi fir-rigward tal-azzjoni principali, fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-Konvenuta in kwantu mhux kompatibbli ma'

dak li se jinghad, jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' €1,840 fil-waqt li fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali, fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-Attur rikonvenzjonat in kwantu mhux kompatibbli ma' dak li se jinghad, jilqa' l-kontro-talba limitatament ghas-somma ta' €190. L-imghax fuq dawn l-ammonti ghandu jiddekorri mil-lum. Spejjez ta' din il-kawza ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Mary Josette Musu'
*Deputat Reġistratur*